

Brussell, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13398/16

ENV 664
AGRI 555
DEVGEN 224
FORETS 55
PI 114
PECHE 377
RECH 291
ONU 116
CADREFIN 90

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ottubru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12988/16	
Suġġett:	Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB): a) Tnejn tat-13-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 13) għall-KDB (Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016) b) Tnejn tat-tmien Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 8) (Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016) c) Tnejn tat-tieni Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP-MOP 2) (Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016) - konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-laqgħat tal-KDB imsemmija hawn fuq, adottati mill-Kunsill fit-3491 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ottubru 2016.

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):

**Tħejjija tat-13-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 13) għall-KDB
(Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)**

**Tħejjija tat-tmien Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-
Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 8)
(Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)**

**Tħejjija tat-tieni Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-
Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP -M O P 2)
(Cancun, Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)**

- konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JIKKONFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ lejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Protokoll tagħha kif ukoll lejn id-deċiżjonijiet adottati mill-korpi governattivi tagħhom, b'mod partikolari l-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 ('il-Pjan Strateġiku') u l-Miri tiegħu ta' Aichi dwar il-Bijodiversità, u l-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà għall-perijodu 2011-2020;
2. JILQA' l-adozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li fiha; JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari dik tal-Għanijiet 14 u 15, għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi tal-KDB u l-għanijiet u l-miri tal-Pjan Strateġiku tagħha; u JISĦAQ fuq l-importanza tal-oġettivi tal-KDB u l-Pjan Strateġiku għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

3. JILQA' l-organizzazzjoni fl-istess żmien tal-COP 13, il-COP-MOP 2 u l-COP-MOP 8 bħala mod kif jissaħħu l-integrazzjoni u s-sinerġiji bejn il-KDB u l-Protokolli tagħha, u JAPPELLA għal aktar titjib tal-effiċjenza ta' strutturi u proċessi fil-KDB u l-Protokolli tagħha sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni, tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u titjieb il-kosteffettività;
4. JILQA' l-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, li jinnota l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha u l-konservazzjoni tal-bijodiversità meta tittieħed azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, u JISĦAQ fuq il-punt li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi tista' tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-oġettivi tal-KDB u viċi versa;
5. JISĦAQ fuq l-importanza tal-implimentazzjoni ta' appoġġ reċiproku tal-oġettivi tal-KDB u l-Pjan Strateġiku tagħha u l-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) u l-pjan strateġiku u l-qafas ta' għaxar snin tagħha (2008-2018);
6. JILQA' l-inizjattiva tal-Gvern tal-Istati Messikani Uniti li jospita parti ta' livell għoli, fil-kuntest tal-COP 13 sabiex jiġu diskussi modi kif il-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika, l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi jiġu integrati f'setturi oħra u fl-implimentazzjoni tas-SDGs;

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika

Progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020

7. Filwaqt li jilqa' l-isforzi u l-kisbiet li diġà saru u ġew rikonoxxuti fir-raba' Prospett Globali tal-Bijodiversità (GBO-4), HUWA MĦASSEB SERJAMENT dwar il-progress insuffiċjenti fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku biex jinkisbu l-parti l-kbira tal-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi u għalhekk JIKKUNSIDRA li għandhom jiġu intensifikati l-azzjonijiet mill-Partijiet għall-KDB u mill-partijiet ikkonċernati kollha u li għandhom jittieħdu deċiżjonijiet konkreti mill-COP 13;
8. JESPRIMI l-ħtieġa li l-COP 13 titlob li l-korpi sussidjarji tal-Konvenzjoni jieħdu l-passi meħtieġa għas-segwitu tal-Pjan Strateġiku attwali, filwaqt li jittieħed kont tal-firxa aktar wiesgħa ta' sorsi rilevanti ta' informazzjoni u ta' għarfien, inkluż il-valutazzjonijiet mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES);
9. JENFASIZZA li l-COP 13 ser tkun pass importanti fl-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku u opportunità biex jogħla l-livell ta' ambizzjoni fl-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll biex jiġu definiti azzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; f'dan ir-rigward, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn koerenza u komplementarjetà effettivi u effiċjenti fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proċessi fl-UE u globalment;

10. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) marbuta mal-bijodiversità, il-Konvenzjonijiet ta' Rio, il-UNEP u korpi oħra tan-NU; JENFASIZZA l-fatt li sabiex titjieb l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku, huwa importanti li l-COP 13 tissokta l-ħidma fuq it-tisħiħ tas-sinerġiji, il-koerenza u l-kooperazzjoni effettiva bejn il-konvenzjonijiet relatati mal-bijodiversità u ftehimiet ambjentali multilaterali oħra permezz ta' għodod u mezzi rilevanti; u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati u prijoritized l-għażliet għal azzjoni fil-livell globali, inkluż permezz ta' pjan direzzjonali;

L-integrazzjoni tal-bijodiversità

11. Bil-ħsieb li jinkisbu l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi sal-2020, JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi u l-politiki kollha, fl-ippjanar urban u reġjonali, inkluż l-ippjanar marittimu u kostali, u fis-settur tas-saħħa bħala attivitajiet transsettorjali; JIRRIKONOXXI li l-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, il-forestrija u t-turiżmu huma setturi ewlenin b'impatti sinifikanti fuq il-bijodiversità u fuq is-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi; JAGĦRAF li setturi oħra, inkluż l-industriji estrattivi bħaż-żejt u l-gass u l-minjieri, l-enerġija, l-infrastruttura, il-manifattura, u l-kostruzzjoni kummerċjali u residenzjali, ukoll għandhom impatt fuq il-bijodiversità u fuq is-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi, u għalhekk jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll;
12. JAPPELLA lill-KDB u lill-Partijiet tagħha biex jippromwovu politiki aktar integrati, incenivi adegwati u approċċi prattiċi bħall-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli u ekoloġika tal-agrikoltura, l-agroekoloġija u l-biedja organika, sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-protezzjoni u t-tisħiħ tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi, il-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-sigurtà alimentari, u jillimitaw il-pessjoni fuq ekosistemi vulnerabbli, u JĦEĠĠEĠ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw il-ftehimiet multilaterali internazzjonali rilevanti, inkluż it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-pjanti għall-Ikel u Agrikoltura;

13. JIKKUNSIDRA li l-integrazzjoni tal-bijodiversità tipprovdi opportunitajiet ġodda għas-setturi ekonomiċi kollha, inkluż is-settur privat; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li n-negozji jtejbu l-fehim tagħhom tal-benefiċċji li l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi għandhom għall-operazzjonijiet tagħhom; JIRRIKONNOXXI l-importanza tal-istrumenti legali, il-governanza t-tajba, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi, u approċċi volontarji għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti sabiex tiġi żgurata l-ġarr tar-responsabbiltà u t-trasparenza fil-progress; u JAPPELLA lis-settur tan-negozju biex iżid l-involviment u l-kontribut tiegħu għall-kisba kemm tal-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi kif ukoll l-SDGs relatati mal-bijodiversità, u biex janalizza u jinvesti fit-titjib u jirrapporta fuq l-impatti, l-azzjonijiet u l-investimenti tagħhom relatati mal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi, jaqsam l-esperjenzi u l-aqwa prassi, pereżempju fil-qafas tal-Pjattaformi tan-Negozji u tal-Bijodiversità kif ukoll inizjattivi oħra, bħall-Protokoll dwar il-Kapital Naturali;
14. JIRRIKONNOXXI l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Bijodiversità (NBSAPs) u mekkaniżmi ta' finanzjament rilevanti mis-sorsi kollha bħala strumenti ewlenin għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti kollha;
15. JISĦAQ fuq l-importanza tal-għarfien tradizzjonali, 'ix-xjenza miċ-ċittadini' (il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fir-riċerka xjentifika) u l-għodod ibbażati fuq l-għarfien, bħall-immappjar u l-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema u l-kontabbiltà tal-kapital naturali, fejn adatt, fl-integrazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi fis-setturi u fit-teħid tad-deċiżjonijiet;
16. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintegraw aktar il-konsiderazzjonijiet dwar il-bijodiversità fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki settorjali fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' inċentivi u mekkaniżmi oħra ta' finanzjament u proċessi ta' deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni XII/3 tal-KDB COP dwar il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna u l-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa; u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu biex tintlaħaq il-Mira 3 ta' Aichi dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-inċentivi, inkluż is-sussidji, ta' ħsara għall-bijodiversità, u l-iżvilupp ta' inċentivi pożittivi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità sal-2020 fil-politiki settorjali rilevanti kollha;

17. JEMMEN li l-integrazzjoni tal-bijodiversità f'setturi ekonomiċi u ta' żvilupp ewlenin tista' tgħin biex jiġu mmobilizzati riżorsi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità filwaqt li jiġu ttrattati wkoll l-ixpruni tat-telfien tal-bijodiversità u għalhekk jitnaqqsu l-ħtiġijiet ta' riżorsi fuq perijodu twil ta' żmien; u JFAKKAR fl-importanza tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari għat-tnaqqis tat-telfien tal-bijodiversità u t-trawwim tal-progress lejn il-miri tal-bijodiversità;
18. JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-gvernijiet sottonazzjonali u lokali u ta' strumenti u inizjattivi reġjonali u sottoreġjonali, bħall-Konvenzjoni Alpina u dik tal-Karpazja fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni tal-bijodiversità fir-reġjuni tal-muntanji, kif ukoll f'żoni polari u tal-baħar permezz tal-OSPAR, il-HELCOM, il-Konvenzjonijiet ta' Barċellona u ta' Bukarest, il-Kunsill Artiku kif ukoll organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn politiki dwar il-bijodiversità u dawk dwar il-baħar; u JILQA' l-attivitajiet tagħhom bħala prassi tajba f'termini ta' integrazzjoni tal-bijodiversità f'diversi setturi u politiki, filwaqt li jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali u transkonfinali fir-reġjuni rispettivi tagħhom u jżidu l-involviment ta' firxa kbira ta' partijiet ikkonċernati;

Dakkara

19. JINSAB IMĦASSEB ĦAFNA dwar l-istat attwali u futur tad-dakkir u d-dakkara, b'mod partikolari d-dakkara slavaġ, li huma fundamentali għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u ż-żamma tal-ekosistemi terrestri naturali u servizzi ewlenin tal-ekosistema, bħall-produzzjoni tal-ikel; u JILQA' r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni tematika tal-IPBES dwar id-dakkara, id-dakkir u l-produzzjoni tal-ikel;
20. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet għall-KDB, l-organizzazzjonijiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati kollha f'kull livell jieħdu azzjoni biex jipproteġu d-dakkara u l-abitati tagħhom sabiex titnaqqas u titwaqqaf il-qerda tagħhom, inkluż sabiex jiġi evitat telf finanzjarju relatat u inkluż permezz ta' strateġiji biex jiġi evitat jew jitnaqqas l-użu ta' pestiċidi ta' ħsara għad-dakkara;

21. JISSOTTOLINJA r-rabtiet b'saħħithom bejn il-politiki u l-istrumenti għall-kisba tal-oġġettivi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, u l-oġġettivi għar-restawr tal-ekosistema, sigurtà alimentari sostenibbli u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' linji gwida volontarji għat-tfassil u l-implimentazzjoni effettiva ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistema għat-tnaqqis, l-adattament u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li jistgħu jiġu adattati għal ċirkostanzi nazzjonali u jaqdu finijiet multipli għat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità;
22. JENFASIZZA r-rwol fundamentali u l-funzjonijiet tal-ekosistemi tal-art, tal-ilma ħelu u tal-baħar, l-infrastruttura ekoloġika u l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema u soluzzjonijiet bbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni, bħal approċċi ta' mitigazzjoni u ta' adattament għall-ġestjoni sostenibbli ta' foresti, tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-livelli kollha tal-governanza; JAGĦRAF il-ħafna benefiċċji li joħolqu dawn l-approċċi u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jżidu l-bażi ta' informazzjoni u jintegraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, b'mod partikolari l-ekosistemi, fl-ippjanar strateġiku tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-klima u l-enerġija, speċjalment għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi;

Żoni protetti u r-restawr tal-ekosistema

23. JINNOTA l-kontribut għall-kisba tal-Mira 11 ta' Aichi li saret permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2020, b'mod partikolari n-netwerk Natura 2000 ta' żoni protetti kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar;
24. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-konservazzjoni, iż-żamma u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-art, tal-baħar u tal-ilmijiet interni u l-abitati naturali u seminaturali eżistenti, fejn ir-restawr ikun attività komplementari, mhux alternattiva għall-konservazzjoni tal-abitati eżistenti fi stat favorevoli;

25. JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li jiġihaffu u jiġiebu l-attivitajiet ta' restawr tal-ekosistema biex tintlaħaq il-Mira 15 tal-Bijodiversità ta' Aichi, b'mod partikolari fil-foresti, fil-mangrovji, fis-sikek tal-qroll u fl-artijiet mistagħdra; u JIRRIKONNOXXI l-potenzjal u l-importanza tar-restawr tal-ekosistema bħala attività ewlenija li tista' tgħin biex titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi relatati u biex iġġib benefiċċji multipli; JAPPOĠĠA f'dan ir-rigward il-Pjan ta' Azzjoni fuq perijodu qasir ta' żmien għar-Restawr tal-Ekosistema rrakkomandat mill-SBSTTA 20 bħala qafas flessibbli li jista' jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi nazzjonali;

Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u l-mekkaniżmu finanzjarju

26. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-elementi kollha tal-istrategġija u l-miri tal-KDB għall-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' riżorsi (finanzjarji, umani, tekniċi u istituzzjonali) minn sorsi differenti, inkluż is-settur privat, u li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod effiċjenti u integrat;
27. JISĦAQ fuq l-importanza, f'termini ta' trasparenza u ġarr ta' responsabbiltà, li jissaħħu l-kwalità u l-kwantità tar-rappurtar dwar il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi, lakuni u ħtiġijiet ta' finanzjament, l-istabbiliment ta' priyoritajiet u pjanijiet ta' finanzjament nazzjonali, li jipprovdu informazzjoni essenzjali għal investimenti futuri, u li tali rappurtar domestiku m'għandux jitlef ir-rabta mar-rappurtar dwar il-flussi ta' riżorsi finanzjarji internazzjonali relatati mal-bijodiversità; u JAPPELLA lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex, flimkien, jagħtu kontribut għar-rispett tal-impenn internazzjonali lejn il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, filwaqt li jfakkar li dan ma jimplika l-ebda ftehim speċifiku li l-piż jinqasam bejn l-Istati Membri u/jew l-UE;
28. JAPPELLA biex is-sinerġiji ma' proċessi rilevanti oħra lil hinn mill-KDB jintużaw b'mod effettiv għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, inkluż permezz tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u għall-koerenza ma' approċċi rilevanti taħt korpi u strumenti internazzjonali oħra inkluż il-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet rilevanti oħra;

29. JAPPELLA biex il-COP 13 tipprovdi gwida importanti dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju, fl-għamla ta' prioritajiet tal-programm b'qafas ta' erba' snin, li ser jidderieġu l-appoġġ mill-Fond Fiduċjarju tal-Fond għall-Ambjent Dinji matul is-seba' programm ta' rikostruzzjoni tagħha (2018-2022) u f'dan ir-rigward jieħu inkonsiderazzjoni kif dovut il-parir li jista' jingħata minn konvenzjonijiet oħra relatati mal-bijodiversità;

Rappurtar

30. JENFASIZZA l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal data dwar il-bijodiversità u aktar użu tar-riżultati tar-rappurtar mill-KDB, u li jiġi żviluppati għodod għall-monitoraġġ tal-bijodiversità u r-rappurtar fil-ħin skont il-KDB; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' linji gwida adatti għall-iskop tagħhom għas-sitt rapport nazzjonali bħala l-bażi ewlenija biex jiġi vvalutat il-progress tal-Partijiet fil-Miri tal-Bijodiversità Aichi; u JENFASIZZA l-importanza tal-valutazzjonijiet reġjonali u globali mill-IPBES tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi bħala kontribut sinifikanti għall-GBO-5 u bħala bażi għall-valutazzjoni tal-progress fil-Pjan Strateġiku;
31. JAPPELLA għal armonizzazzjoni bilanċjata tal-proċessi ta' rappurtar u l-konsistenza tal-indikaturi fost il-konvenzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-proċessi internazzjonali relatati mal-bijodiversità u l-miri relatati mal-bijodiversità tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u JINKORAĠĠIXXI lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħtu informazzjoni abbażi tar-rappurtar tal-KDB għall-indikaturi rilevanti tal-SDG; f'dan ir-rigward, JILQA' r-Risoluzzjoni 2/17 adottata fl-2016 fit-tieni laqgħa tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent;
32. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi evitat piż ta' rappurtar addizzjonali u JAPPOĠĠA l-allinjament tar-rappurtar nazzjonali skont il-KDB u l-Protokolli tagħha, anke permezz tas-sinkronizzazzjoni taċ-ċikli ta' rappurtar, approċċ komuni għall-format tar-rapporti nazzjonali u l-integrazzjoni gradwali tal-faċilitajiet ta' rappurtar disponibbli fil-Mekkaniżmu ċentrali ta' Koordinament;

33. JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet biex jagħmlu rieżami regolari tal-progress fil-kontribut tagħhom biex jinkisbu l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi, billi jużaw l-aktar għodod adatti; JIRRIKONOXXI l-kunsiderazzjoni li qed issir tal-iżvilupp ta' strutturi ġodda ta' rieżami u rappurtar u JENFASIZZA li jeħtieġ li jiġu identifikati u evalwati b'mod ċar l-effettività u l-valur miżjud tagħhom;

Bijodiversità tal-baħar u tal-kosta

34. JAPPOĠĠA l-proċess tekniku u xjentifiku li jintuża biex jiġu deskritti Żoni tal-Baħar Ekoloġikament jew Bijoloġikament Sinifikanti (EBSA), fil-ġurisdizzjoni nazzjonali u barra minnha, peress li jipprovdi għodda utli lill-Partijiet biex jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi; u JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu ffinalizzati l-proċessi li għaddejjin, jittejbu l-proċeduri biex tiġi mmodifikata d-deskrizzjoni tal-EBSAs eżistenti u biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' deskrezzjoni ta' EBSAs ġodda;
35. IQIS il-proċess li jintuża biex jiġu deskritti żoni li jissodisfaw il-kriterji xjentifiċi maqbula għall-EBSAs bħala proċess miftuħ u li qed jevolvi li għandu jinkludi l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, u li d-deskrizzjoni tal-EBSAs fil-ġurisdizzjoni nazzjonali għandha tinvolvi għalkollox lill-Istati kkonċernati;
36. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-COP 13 tirrikjedi li s-Segretarju Eżekuttiv tal-KDB jinkludi żoni addizzjonali li ġew deskritti bħala li jissodisfaw il-kriterji għall-EBSAs fir-repożitorju u jippreżenta din l-informazzjoni lill-entitajiet rilevanti kollha;
37. JAPPOĠĠA l-adozzjoni ta' aktar speċifikazzjonijiet dwar: (a) pjan ta' ħidma speċifiku volontarju dwar il-bijodiversità f'żoni ta' ilma kiesaħ fil-kamp ta' applikazzjoni ġurisdizzjonali tal-Konvenzjoni; (b) l-indirizzar tal-impatti tal-iskart fil-baħar u storbu antropoġeniku ta' taħt il-baħar fuq il-bijodiversità tal-baħar u tal-kosta; u (c) l-ippjanar spazjali tal-baħar għal inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli u taħriġ, kif ukoll il-ħidma li għaddejja fil-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar u l-mikroplastik; u JAPPELLA għal azzjonijiet urġenti sabiex jinkiseb tnaqqis sostnut fil-konsum ta' basktijiet li jintużaw darba biss;

38. JILQA' l-proċess li għaddej tan-NU biex jiġi nnegożjat ftehim ta' implimentazzjoni legalment vinkolanti għal skont l-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali; u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-informazzjoni miġbura permezz tal-proċess tal-EBSAs għal dan il-proċess li għaddej tan-NU;

Speċijiet aljeni invażivi (IAS)

39. JISTENNA B'INTERESS l-iżvilupp ta' mekkaniżmi li bihom jiġu identifikati u jingħataw prijetà modi għodda potenzjali ta' introduzzjoni tal-IAS, u l-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni għall-IAS u potenzjalment l-IAS fil-kummerċ, anke billi jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-kummerċ elettroniku, kif ukoll mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni, u JENFASIZZA l-hteġa li jiġu adattati, jittejjbu u jkomplu jiġu żviluppati għodod għal żvilupp u applikazzjoni aħjar ta' programmi ta' ġestjoni, inkluż kontrolli bijoloġiċi sikuri u effettivi mqabbla mal-IAS abbażi ta' valutazzjoni adatta tar-riskji;
40. JILQA' d-dħul fis-seħħ fit-8 ta' Settembru 2017 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u tas-Sedimenti tal-Bastimenti (Konvenzjoni BWM), li għandha l-għan li tillimita t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi minn bastimenti;

Popli indiġeni u komunitajiet lokali

41. JINNOTA li l-kunċett ta' *kunsens ħieles, infurmat u minn qabel* jintuża f'fora internazzjonali oħra skont strumenti legalment vinkolanti kif ukoll mhux vinkolanti; JAPPOĠĠA li l-linji gwida volontarji, applikati f'konformità mal-liġi nazzjonali, jużaw it-terminoloġija "*Kunsens ħieles, infurmat u minn qabel*" għall-involviment ta' popli indiġeni u komunitajiet lokali fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
42. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjonijiet lill-COP-MOP 8 tal-Protokoll ta' Kartaġena u lill-COP-MOP 2 tal-Protokoll ta' Nagoya biex japplikaw *mutatis mutandis*, id-Deċiżjoni XII/12 F tal-Konferenza tal-Partijiet dwar l-użu tat-terminoloġija "popli indiġeni u komunitajiet lokali";

43. JINNOTA li t-terminoloġija "popli indiġeni u komunitajiet lokali" skont il-punt 2 (a), (b) u (c) tad-Deċiżjoni XII/12 F tapplika *mutatis mutandis* għaż-żewġ Protokolli;

Kwistjonijiet orizzontali relatati mal-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika u l-Protokolli tagħha

Bijoloġija sintetika

44. JIRRIKONOXXI d-definizzjoni operazzjonali kif żviluppata mill-Grupp Ad Hoc ta' Esperti Tekniċi (AHTEG) dwar il-Bijoloġija Sintetika; JITLOB li l-użu ta' din id-definizzjoni jkun punt tat-tluq mhux vinkolanti biex tiġi ffaċilitata aktar il-ħidma fil-kuntest tal-KDB; u JAPPOĠĠA l-kontinwazzjoni tal-AHTEG b'termini ta' referenza ġodda bbażati fuq ir-rakkomandazzjoni rilevanti tal-SBSTTA;
45. JILQA' l-attivitajiet intersessjonali tal-forum online b'fini miftuħa u l-konklużjoni tal-AHTEG dwar il-Bijoloġija Sintetika li l-organiżmi ħajjin żviluppati permezz ta' applikazzjonijiet tal-bijoloġija sintetika attwali u tal-futur qrib huma simili għall-organiżmi modifikati ħajjin (LMOs) kif definiti fil-Protokoll ta' Kartaġena; JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni mill-AHTEG dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tar-Riskji skont il-Protokoll ta' Kartaġena biex jiġi stabbilit proċess għall-iżvilupp ta' gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-LMOs żviluppati permezz tal-bijoloġija sintetika jekk jiġu identifikati tali nuqqasijiet;
46. JISSOTTOLINJA l-importanza li jittieħdu konsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, kulturali u etiċi meta ssir riċerka dwar l-effetti possibbli tal-bijoloġija sintetika;
47. Fir-rigward tal-użu ta' informazzjoni b'sekwenza diġitali dwar ir-riżorsi ġenetiċi u r-relazzjoni tagħha mal-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji, u kwalunkwe deliberazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji (ABS), JISSOTTOLINJA li kwalunkwe kunsiderazzjoni jew deċiżjoni dwar dawn il-kwistjonijiet għandha tiġi ttrattata fil-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya;

48. ITENNI l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex il-Partijiet ikunu jistgħu jimplimentaw il-Pjan Strateġiku; JISTIEDEN lill-Partijiet u lis-sħab biex jesprimu l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tagħhom kif ukoll jirrappurtaw dwar l-aħjar prattiki fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet, fuq bażi volontarja, permezz tal-Mekkaniżmu ta' Koordinament (CHM); JAPPOĠĠA l-kontinwazzjoni tal-ħidma tal-Kumitat ta' Konsulenza Informali tas-CHM; JILQA' wkoll l-Inizjattiva Bio-Bridge bħala faċilità ta' tlaqqiġ għall-KDB;
49. ITENNI l-impenn kontinwu tiegħu fl-appoġġ ta' attivitajiet immirati għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet bil-għan li jiġu faċilitati aktar żvilupp u implimentazzjoni tal-KDB u l-Protokolli tagħha;

Rieżami funzjonali u materji amministrattivi

50. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitlesta r-rieżami funzjonali tas-Segretarjat f'konformità mad-Deċiżjoni XII/32 u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni UNEP/CBD/SBI/1/L.6 u li jiġu adottatibaġits realistiċi għall-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha konsistenti mal-prijoritajiet, il-funzjonijiet u l-programm ta' ħidma strateġiċi maqbula għall-implimentazzjoni effettiva tal-KDB u l-Protokolli tagħha.

KAPITOLU II

Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà

51. JENFASIZZA l-importanza li l-Protokoll jiġi implimentat b'mod effettiv mill-Partijiet kollha kif ukoll il-ħtieġa li jsir progress fit-twettiq tal-Pjan Strateġiku tiegħu għall-perijodu 2011-2020, biex tkompli u tissaħħaħ il-ħidma, jiżdiedu s-sinerġiji, il-koerenza u l-kooperazzjoni effettiva fil-livelli kollha, u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet u jistieden lil gvernijiet oħrajn biex jinkludu l-bijosigurtà fl-NBSAPs tagħhom u l-Politika, il-Pjanijiet u l-Programmi Settorjali u Transsettorjali Rilevanti;

52. IQIS li jeħtieġ li jsir progress fir-rigward tar-rapporti nazzjonali, JINNOTA BI TĦASSIB ir-rata aktar baxxa ta' preżentazzjoni tat-tielet rapport nazzjonali, u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena li għadhom ma ppreżentawx ir-rapport nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis, b'mod partikolari daww il-Partijiet li għadhom ma ppreżentaw l-ebda rapport nazzjonali minn meta saru Partijiet;
53. JIEĦU NOTA tal-analiżi tat-tielet rapport nazzjonali u r-rakkomandazzjoni tal-Korp Sussidjarju dwar l-Implimentazzjoni (SBI) rigward it-tielet valutazzjoni u rieżami tal-Protokoll u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Pjan Strateġiku, u JAPPELLA lill-Partijiet biex, għall-perijodu li fadal tal-Pjan Strateġiku, jikkunsidraw li jagħtu prijorità lill-oġettivi operazzjonali fir-rigward tal-iżvilupp tal-leġislazzjoni dwar il-bijosigurtà, il-valutazzjoni tar-riskji, is-sejbien u l-identifikazzjoni ta' organiżmi modifikati ħajjin, u s-sensibilizzazzjoni, l-educazzjoni u t-taħriġ tal-pubbliku, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Protokoll;
54. ITENNI l-importanza li l-Partijiet kollha jirreġistraw maċ-Ċentru ta' Koordinament tal-Bijosigurtà l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-bijosigurtà u jżidu l-iskambju ta' esperjenzi;
55. ITENNI l-importanza kruċjali tal-valutazzjoni tar-riskji ambjentali fid-deċiżjonijiet relatati mal-organiżmi modifikati ħajjin (LMOs) u JILQA' l-attivitajiet intersessjonali tal-fora online b'fini miftuħa u l-AHTEG dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tar-Riskji;
56. JILQA' l-attivitajiet dwar il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi matul il-perijodu intersessjonali permezz tal-fora online u l-ħidma tal-AHTEG fuq Kunsiderazzjonijiet Soċjoekonomiċi;
57. ITENNI l-ħtieġa ta' attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kartaġena u, f'dan il-kuntest, l-importanza tar-rieżami u t-titjib tal-Qafas u l-Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-COP-MOP 8;

58. JILQA' r-ratifiki reċenti tal-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u r-Rimedju, u JISSOTTOLINJA l-importanza li jitħaffef il-pass tad-dħul fis-seħħ tiegħu;
59. JAPPELLA biex il-COP-MOP 8 tiegħu l-passi u d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tkompli ssaħħa u timplimenta l-qafas tal-Protokoll ta' Kartaġena billi:
- a) thegħgeġ lill-Partijiet li għadhom ma ppreżentawx it-tielet rapport nazzjonali tagħhom jew rapport komplut biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli filwaqt li tfakkar li l-finanzjament tal-GEF huwa disponibbli biex jitħejjew ir-rapport nazzjonali;
 - b) tapprova l-Gwida riveduta dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-LMOs, li tinkorpora t-titjib li sar matul l-ittestjar tal-Gwida, u tiddeċiedi dwar it-triq 'il quddiem f'dak li jirrigwarda l-appoġġ mill-Partijiet kollha għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskji u l-ġestjoni tar-riskji skont il-Protokoll ta' Kartaġena;
 - c) tikkunsidra aktar passi adatti sabiex jintlaħaq l-oġettiv operazzjonali 1.7 tal-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà (2011-2020) f'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi;
 - d) tikkunsidra segwitu adatt għall-informazzjoni kkompilata fil-qasam ta' movimenti transkonfinali mhux intenzjonali tal-LMOs u miżuri ta' emerġenza u sejbien u identifikazzjoni tal-LMOs, anke fil-qasam tat-transitu u l-użu kontrollat tal-LMOs.

KAPITOLU III

Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji

60. JAPPELLA lill-Partijiet għall-KDB li għadhom ma rratifikawx jew għadhom ma aderixxewx għall-Protokoll ta' Nagoya biex jagħmlu dan u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx jew għadhom ma aderixxewx għalih biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli; u JISSOTTOLINJA li l-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya tikkontribwixxi direttament biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli minn 2 sa 15 u indirettament biex jintlaħqu ħafna oħrajn billi tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar, l-ekwità, il-ġustizzja soċjali u għestjoni ambjentali tajba;
61. JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex il-Protokoll ta' Nagoya jiffunzjona billi jistabbilixxu strutturi istituzzjonali rilevanti u billi jadottaw u jimplimentaw miżuri leġislattivi, amministrattivi jew politiċi, filwaqt li jfakkar li l-finanzjament tal-GEF huwa disponibbli biex jiġu stabbiliti oqfsa legali u regolatorji u proċeduri amministrattivi li jippermettu aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim tal-benefiċċji f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya;
62. JISSOTTOLINJA li l-użu effettiv taċ-Ċentru ta' Koordinament tal-ABS (ABS CH) huwa essenzjali biex il-Protokoll ta' Nagoya jiffunzjona b'mod effettiv, u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha jipubblikaw u jagħgornaw l-informazzjoni mitluba mill-Protokoll ta' Nagoya dwar l-ABS CH, u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet u lil dawk li mhumex Partijiet biex l-informazzjoni kollha rilevanti għall-ABS, inkluż l-aħjar prattiki u esperjenzi, jagħmluha disponibbli fl-ABS CH; u JAPPOĠĠA l-kontinwazzjoni tal-ħidma tal-Kumitat ta' Konsulenza Informali dwar l-ABS CH;
63. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu ta' konformità stabbilit skont il-Protokoll ta' Nagoya huwa għodda prinċipali biex tiġi promossa l-konformità tal-Partijiet mal-Protokoll u biex jiġu indirizzati każijiet ta' nonkonformità, JIRRIKONOXXI li l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-Protokoll miksuba s'issa ma tippermettix li wieħed jiġbed konklużjonijiet ġenerali dwar l-isfidi ta' konformità jew ħtiġijiet ta' appoġġ speċifiċi mill-Partijiet, u għaldaqstant JILQA' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Konformità f'dan ir-rigward;

64. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jinħolqu kondizzjonijiet biex tiġi promossa u inkoraġġita r-riċerka li tikkontribwixxi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, u JIRRAKKOMANDA li l-Partijiet għall-Protokoll jikkunsidraw miżuri simplifikati għall-aċċess għal riżorsi ġenetiċi għal finijiet mhux kummerċjali meta jiżviluppaw u jimplimentaw il-leġislazzjoni tagħhom dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji jew rekwiżiti regolatorji;
65. JILQA' l-inizjattiva tal-WHO li tagħmel studju dwar kif l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya tista' taffettwa l-qsim ta' patoġeni u l-implikazzjonijiet potenzjali tiegħu fuq is-saħħa pubblika;
66. JILQA' l-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti dwar l-Artikolu 10 tal-Protokoll, b'mod partikolari rigward l-importanza tal-approċċ bilaterali fost l-utenti u l-fornituri, u JAPPROVA l-fehma li l-approċċ bilaterali għandu jiġi segwit kull fejn possibbli;
67. HUWA LEST li jkompli jikkontribwixxi għall-ħidma internazzjonali sostantiva fuq miżuri li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, bħal aktar titjib tal-ABS CH, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni; u JENFASIZZA li l-istrumenti ta' appoġġ tal-mudell ta' klawżoli kuntrattwali, l-aħjar prattiki u l-kodiċi ta' kondotta, fost affarijiet oħra, huma kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya;
68. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-SBI dwar ir-Rieżami tal-progress fil-kisba tal-Mira 16 tal-Bijodiversità ta' Aichi dwar il-Protokoll ta' Nagoya; ITENNI l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-livelli kollha kemm biex daww li mhum iex Partijiet ikunu jistgħu jirratifikaw il-Protokoll ta' Nagoya u kif ukoll biex il-Partijiet ikunu jistgħu jimplimentawh b'mod sħiħ; IFAKKAR li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet espressi minn Partijiet benefiċjarji potenzjali u għandu jkun konformi mal-Qafas Strateġiku għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet u l-Iżvilupp biex tiġi Appoġġata l-Implimentazzjoni Effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya; u għalhekk JAPPELLA lill-Partijiet, lil daww li mhum iex Partijiet u lil partijiet ikkonċernati oħra biex jesprimu l-ħtiġijiet, l-esperjenzi u l-opportunitajiet tagħhom permezz tal-ABS CH u jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' attivitajiet bħall-Inizjattiva ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet tal-ABS CH;

69. JAPPELLA lill-Partijiet biex jippreżentaw ir-rapporti nazzjonali mitluba skont l-Artikolu 29 tal-Protokoll fil-ħin u JIRRIKONOXI li l-preżentazzjoni fil-ħin tar-rapporti nazzjonali ser tkun wieħed mill-istrumenti li jippermettu l-evalwazzjoni tal-effettività tal-Protokoll;
70. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' implimentazzjoni ta' appoġġ reċiproku, fil-livelli kollha, tal-Protokoll ta' Nagoya u t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura kif ukoll strumenti internazzjonali oħra rilevanti għall-Protokoll.
-